

**Rapport finali tal-uffiċjal tas-smiġh dwar il-proċedura fil-każ COMP/F-1/38.338 – Hard haberdashery needles**

(skont l-Artikolu 15 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/462/KE, KEFA tat-23 ta' Mejju 2001 dwar it-termini ta' referenza tal-uffiċjali tas-smiġh f'ċerti proċedimenti tal-kompetizzjoni – ĠU L 162, 19.6.2001, p. 21)

(2009/C 147/14)

L-abbozz tad-deċiżjoni jagħti lok għall-osservazzjonijiet li ġejjin:

Il-każ preżenti huwa riżultat ta' informazzjoni pprovduta minn rappreżentant ta' Entaco Ltd u investigazzjonijiet skont l-Artikolu 14(3) tar-Regolament tal-Kunsill Nru. 17 <sup>(1)</sup> magħmula mill-Kummissjoni fis-7 u t-8 ta' Novembru 2001 fi proprjetajiet ta' diversi produttori ta' *haberdashery* iebsa u rotob fil-Komunità u tal-assoċjazzjoni Ġermaniża tal-produttori tat-teknoloġija tal-qfil (*fastening technology*) VBT. Matul din l-investigazzjoni u stħarriġ sussegwenti taħt l-Artikolu 11 tar-Regolament Nru 17 il-Kummissjoni sabet provi f'dokumenti li indikaw ksur tal-Artikolu 81(1) tat-Trattat KE permezz ta' akkordji u prattiċi miftiehma magħmula mill-impriżi li ġejjin:

William Prym GmbH & Co. KG u Prym Consumer GmbH & Co. KG ("Prym") Coats plc (issa: Coats Holdings Ltd) u J & P Coats Ltd ("Coats"), Entaco Group Ltd u Entaco Ltd. ("Entaco")

Fil-15 ta' Marzu 2004, il-Kummissjoni indirizzat Dikjarazzjoni ta' Oġġezzjonijiet ("DO") lil Prym, Entaco u Coats skont l-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 2842/98 <sup>(2)</sup>, li waslet għand Entaco fis-16 ta' Marzu 2004 u għand Coats u Prym fis-17 ta' Marzu 2004. Id-data tal-iskadenza għar-risposta għad-DO kienet it-13 ta' Mejju 2004. Coats u Prym ingħataw estensjoni ta' din l-iskadenza sat-28 ta' Mejju 2004.

Ir-risposta ta' Entaco waslet fil-5 ta' Mejju 2004. Ir-risposti ta' Coats u Prym waslu fit-28 ta' Mejju 2004.

L-aċċess għall-fajl ingħata billi ntbaġħtet CD-Rom bid-dokumenti fil-fajl tal-Kummissjoni. Din waslet għand il-partijiet fis-26 ta' Marzu 2004.

B'ittri tat-13 ta' April u l-5 ta' Mejju 2004, Coats talbet aċċess għal aktar informazzjoni mill-fajl tal-Kummissjoni, filwaqt li tenniet li xi dokumenti oħra kkopjati fil-proprjetajiet ta' Prym u ta' VBT jistgħu jkunu rilevanti għad-difiża ta' Coats. Barra minn hekk, Coats ikkritikat il-fatt li xi paragrafi fid-DO baqgħu mhux aċċessibbli minkejja li kienu jirreferu għal dokumenti rilevanti.

B'ittri tat-3 ta' Mejju u s-7 ta' Mejju 2004, jiena qbilt li kważi l-intier tad-dokumenti kkopjati fil-proprjetà ta' Prym, li fil-frattemp aċċettat li ma kinux kunfidenzjali, għandhom jiġu trasmessi lil Coats. Barra minn hekk jien wegħidt id-dħul mill-ġdid tal-paragrafi kollha msemmija fit-talba ta' Coats. Għalhekk, is-servizz rilevanti tal-Kummissjoni ta aċċess għal din l-informazzjoni addizzjonali fil-ġranet ta' wara.

Madankollu, fir-rigward tad-dokumenti l-oħra, li kienu ġew ikkopjati fil-proprjetà ta' VBT, ħadt il-pożizzjoni li ma kienx hemm rabta biżżejjed mal-każ preżenti li tiġġustifika l-aċċess għalihom u għalhekk ma lqajtx it-talba ta' Coats. Coats ma qajmetx oġġezzjonijiet f'dan ir-rigward.

Fuq talba tal-partijiet sabiex jinstemgħu oralment f'dan il-każ, saret seduta fit-18 ta' Ġunju 2004.

Wara s-seduta, kull parti ġiet ipprovduta b'verżjoni mhux-kunfidenzjali tar-risposti tal-oħrajn. Il-partijiet kollha ġew informati li r-risposti setgħu jiġu kkunsidrati li għandhom provi ġodda fir-rigward tal-allegazzjonijiet stipulati fid-DO. Il-partijiet ngħataw erba' ġimgħat min-notifika sabiex jissottomettu kummenti ulterjuri.

<sup>(1)</sup> Regolament tal-Kunsill Nru 17 tas-6 ta' Frar 1962, l-ewwel Regolament li jimplementa l-Artikoli 85 u 86 tat-Trattat KE (ĠU L 13, tal-21.2.1962, p. 204).

<sup>(2)</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2842/98 tat-22 ta' Diċembru 1998 dwar is-smiġh tal-partijiet f'ċerti proċedimenti taħt l-Artikoli 85 u 86 tat-Trattat tal-KE (ĠU L 354, 30.12.1998, p. 18).

Fit-28 ta' Lulju Coats issottomettiet aktar dokumenti b'risposta għal numru ta' kwistjonijiet li tqajmu jew ġew iċċarati fis-seduta. Pym għamlet l-istess fit-30 ta' Lulju 2004.

Fid-19 ta' Awissu 2004 Coats bagħtet memorandum lill-Kummissjoni fejn ġabret fil-qosor l-oġġezzjonijiet ewlenin tagħha għall-każ tal-Kummissjoni.

L-abbozz tad-deċiżjoni sottomess lill-Kummissjoni jinkludi biss l-oġġezzjonijiet li dwarhom il-partijiet kellhom l-opportunità li jagħtu l-fehma tagħhom.

Fid-dawl ta' dan t'hawn fuq, jiena nikkunsidra li f'dan il-każ id-drittijiet tal-partijiet li jkunu mismugħa kienu rrispettati bis-sħiħ.

Brussell, id-19 ta' Ottubru 2004.

Karen WILLIAMS

---